## Apprezzament



# Miet l-Arċipriet Emeritus Mons. Ġużeppi Borg Attard

Nhar is-Sibt, 4 ta' Mejju 1996, ġriet bħal leħħa ta' berqa l-aħbar li Mons. Ġużeppi Borg Attard ħalliena għal għarrieda. Mons. Borg Attard mexxa b'għaqal u mħabba lill-parroċċa tagħna għal erbatax-il sena sħaħ. Xhieda ta' kemm kien irrispettat u maħbub hawn ġol-Qala kienet il-preżenza qawwija ta' nies li marru jagħtuh l-aħħar tislima fil-parroċċa tal-Fontana nhar it-Tlieta 7 ta' Mejju, kif ukoll fil-knisja tagħna għall-Quddiesa funebri nhar il-Ġimgħa, 10 ta' Mejju.

Mons Borg Attard twieled fil-21 ta' Frar 1927. Kien ordnat saċerdot mill-Isqof Gużeppi Pace fis-26 ta' April 1953. Wara ħames snin ta' ħidma fid-djoċesi fejn fost l-oħrajn serva bħala Assistent Ekkleżjastiku tal-Azzjoni Kattolika u Kappillan tal-Kor tal-Katidral, fl-1958 huwa offra li jwettaq il-ministeru saċerdotali tiegħu fl-Italja. L-ewwel sentejn għaddihom fl-Arċidjoċesi ta' Firenze u mbagħad kien Viċi-kappillan fl-Arċidjoċesi ta' Milan. Lura lejn Għawdex f'Mejju 1969, huwa ġie maħtur minn Mons. Isqof Nikol G. Cauchi bħala Aċipriet tal-parroċċa tagħna u dam responsabbli ta' din il-parroċċa sal-1983. Fl-1970 ingħata l-uffiċċju ta' Direttur Spiritwali tal-Kummissjoni Djoċesana għall-Apostolat tal-Lajċi. Matul dan il-perijodu, huwa kien ukoll membru tas-Segreterija tas-sindodu Djoċesan. Fl-1983 huwa kien maħtur Kanċellier tal-Kurja u Prokuratur tal-Konservatorju tal-Isqof. Fl-1987 huwa sar Monsinjur tal-Kapitlu tal-Katidral.

Fil-waqt li nitolbu għal ruħu, aħna l-Qalin nibqgħu niftakruh għad-dehen li bih mexxa l-parroċċa tagħna u għall-ġid u l-karita` li għamel magħna lkoll.

Ser inġibu l-aħħar messaġġ tiegħu li kiteb fil-Bullettin tat-8 ta' Mejju 1983.

"Għaddew 14-il sena! Meta dawn is-snin tħares lejhom fin-nofs tal-ħajja fihom medda twila. Dawn is-snin kollha għaddejnihom flimkien fil-parrocċa tagħna.... nixtieq ngħid grazzi lil kulħadd u ta' kollox. Matul dawn l-14-il sena kellna ħafna okkazjonijiet, qsamna flimkien ġrajjiet li fawrulna qalbna bil-ferħ u oħrajn li qasmulna qalbna u bkejna flimkien. Nirringrazzja lill-Parroċċa għaliex kull ma sar f'dawn is-snin sar bil-kollaborazzjoni u ġenerożita` tagħkom. Nirringrazzja lil dawk li ħadmu mill-qrib miegħi f'kull inizjattiva jew apostolat. Niftakru f'xulxin allavolja mbiegħdin, fit-talb u b'sinċerita niżgurakom li għalkemm sejjer "Il-QALA TIBQA F'QALBI GĦAL DEJJEM. GRAZZI TA' KOLLOX".